4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General, Local Government Division Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 31st January, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tas-Sezzjoni huma (www.localgovernmentdivision.gov.mt) u (hr.dlg@gov.mt).

Is-17 ta' Jannar, 2025

AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ
FL-ISPORT MALTI

Espressjoni tal-Interess – Uffiċjal tal-Edukazzjoni dwar l-Integrità

L-għan ewlieni tal-awtorità regolatorja għall-isport; l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti (AIMS), hu li tippromovi ambjent sportiv sigur, ġust, u b'saħħtu. Din l-Awtorità tiffoka fuq il-ġlieda kontra problemi bħal doping, manipulazzjoni tal-isport, u ħasil ta' flus filwaqt li tittratta

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from Local Government Division, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (www.localgovernmentdivision.gov.mt) and (hr.dlg@gov.mt).

17th January, 2025

AUTHORITY FOR INTEGRITY
IN MALTESE SPORT

Expression of Interest – Integrity Education Officer

The main goal of the regulatory body for sports, The Authority for Maltese Sport (AIMS), is to promote a safe, fair, and healthy sporting environment. AIMS focuses on combating issues like doping, match-fixing, and money laundering while handling regulatory matters for all sports

kwistjonijiet regolatorji għal kull organizzazzjoni sportiva f'Malta. Biex jintlaħaq dan l-għan, AIMS temmen li l-edukazzjoni hija essenzjali bħala l-ewwel linja ta' difiża biex tipproteġi d-drittijiet tal-atleti li jikkompetu b'mod ġust u tassigura ġustizzja fl-isport.

AIMS qed tistieden individwi biex japplikaw għall-opportunità ta' impjieg bħala Uffiċjal tal-Edukazzjoni dwar l-Integrità fuq bażi okkażjonali (casual workers) fi ħdan l-Awtorità. F'dan ir-rwol, l-uffiċjali se jikkontribwixxu għax-xogħol vitali tal-Awtorità, iddedikati għalih skont il-ħtiġiet, inkluż fi tmiem il-ġimgħa, biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom. Din l-inkarigu huwa għal perjodu ta' 24 xahar, u joffri opportunità unika biex isir impatt sinifikanti fil-qasam tal-integrità sportiva.

Dmirijiet Ewlenin

1. Parteċipazzjoni u taħriġ f'workshops fiżiċi jew online (fejn meħtieġ),

2. Żvilupp u preżentazzjonijiet ta' programmi u riżorsi ta' edukazzjoni dwar l-integrità sportiva (fiżiċi u online);

3. L-abbiltà li tikkomunika u twassal b'konvinzjoni madwar il-grupp edukattiv tal-AIMS, inkluż tfal fl-iskejjel, atleti, ġenituri, coaches, u organizzazzjonijiet sportivi,

4. Għajnuna fl-iżvilupp ta' strateġiji jew pjanijiet edukattivi ma' organizzazzjonijiet nazzjonali sportivi,

5. Ħidma kollettiva bħala parti mit-tim edukattiv u l-organizzazzjoni usa' biex tappoġġja l-ħtiġiet tal-istrateġija edukattiva tal-AIMS.

Il-persuni interessati jrid ikollhom il-ħiliet meħtieġa għax-xogħol, inkluż:

i. Għarfien bażiku jew taħriġ fl-edukazzjoni;

ii. Abbiltà li jaħdmu f'ambjent b'ritmu mgħaġġel u taħt pressjoni;

iii. Abbiltà li jaħdmu f'tim kif ukoll mingħajr superviżjoni;

iv. Esperjenza u konoxxenza ta' xogħol ma' partijiet interessati;

v. Għarfien dwar id-doping u suġġetti oħra li d-dipartiment edukattiv tal-AIMS iqis meħtieġa;

vi. Integrità u motivazzjoni personali;

vii. Ħiliet organizzattivi.

organisations in Malta. To achieve this, AIMS believes that education is crucial as the first line of defense to protect the rights of clean athletes and maintain fairness in sports.

AIMS is extending an invitation to individuals to apply for an employment opportunity as an Integrity Education Officer on a casual basis within the Authority. In this role, officers will contribute to the vital work of the Authority, dedicating their time as needed, including weekends, to fulfill their responsibilities. This assignment will span a period of 24 months, offering a unique opportunity to make a meaningful impact in the field of sports integrity.

Key Duties

1. Attend in-house and online training/workshops (where necessary),

2. The development and delivery of sport integrity education programs and resources (online and face to face);

3. The ability to communicate and deliver with influence across the AIMS' education pool. Including school children, athletes, parents, coaches and sport organisations,

4. Help in the development of Education Strategies or Plans with national sporting organisations,

5. Work collaboratively as part of the Education team and the broader organisation to support the requirements of the AIMS' education strategy.

Interested persons must have the necessary skills for the task, including:

i. Applicants should possess a foundational understanding or training in education;

ii. Ability to work in a fast paced, high-pressure environment;

iii. Ability to work in a team and individually;

iv. Demonstrated experience in developing and maintaining stakeholder relationships;

v. An understanding and knowledge of the anti-doping landscape, as well as other topics the AIMS' education department deems necessary;

vi. Demonstrate personal drive and integrity;

vii. Strong organisational skills.

Persuni interessati għandhom jibagħtu:

1. Ittra ta' motivazzjoni li tiddeskrivi l-ħiliet, l-għarfien dwar is-suġġett, esperjenza, kisbiet, u raġunijiet għaliex għandhom jitqiesu għal dan il-kors;

2. Curriculum vitae dettaljat;

3. Ċertifikat ta' kondotta (maħruġ fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-applikazzjoni);

4. Kopji ta' traskrizzjonijiet, kwalifiki u ċertifikati.

L-applikazzjonijiet flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġ kollha għandhom jintbagħtu lil (education.aims@aims.org.mt), u kopja lil (aidan.falzon@aims.org.mt), sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 24 ta' Jannar, 2025.

Is-17 ta' Jannar, 2025

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza

Officer (Complaints and Clients' Support)

(Nru tal-permess tal-Jobsplus: 337/2023)

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) hija ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 10 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

L-Officer (Complaints and Clients' Support) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), f'Antropoloġija, Humanitarian Action, Human Rights and Democratisation, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Social Policy, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni u Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali.

Il-kandidati għandu jkollhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kif ukoll kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office. Għarfien/esperjenza fi kwistjonijiet ta' antidiskriminazzjoni u ugwaljanza huma meqjusa ta' vantaġġ.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 2025. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

Interested individuals are to send:

1. A cover letter outlining skills, knowledge on the subject, experience, achievements and reasons why one should be considered for this course;

2. A detailed curriculum vitae;

3. Police conduct (issued within tliet (3) months of application date);

4. Copies of transcript/s, qualification/s and certificates

Applications with all the required documentation are to be sent to (education.aims@aims.org.mt), whilst keeping (aidan.falzon@aims.org.mt) in copy, by not later than noon of Friday, 24th January, 2025.

17th January, 2025

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Vacancy

Officer (Complaints and Clients Support)

(Jobsplus Permit No: 337/2023)

This post within the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) is equivalent to Public Service Salary Scale 10. The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Officer (Complaints and Clients' Support) must be in possession of a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Anthropology, Humanitarian Action, Human Rights and Democratisation, International Relations, Social Studies, Sociology, Social Policy, Psychology, Public Policy, Gender Studies, Law, Communications and European Studies or a comparable professional qualification.

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications. Moreover, knowledge/experience in anti-discrimination and equality issues is considered an asset.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the A/Executive Director by not later than Monday, 3rd February, 2025. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: +356 2276 8200
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (https://ncpe.gov.mt/)

Is-17 ta' Jannar, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari (SLSE) Miftuħa għal Persuni li Jixtiequ Japplikaw għal Sejħiet mis-Setturi Statali u Mhux Statali għal SLSE u li m'Għandhomx Pass Marks tas-SEC/'O Level' fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u/jew fil-Matematika

1.1 Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali qed jilqgħu applikazzjonijiet għal eżamijiet ta' kwalifikazzjoni fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għal persuni li huma interessati japplikaw għall-pożizzjoni ta' Learning Support Educator Supplimentari (SLSE), li m'għandhomx wieħed jew aktar mill-passes rekwiżiti fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-Livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4), fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u/jew il-Matematika.

1.2. L-eliġibbiltà għall-pożizzjoni ta' SLSE hija suġġetta għall-kriterji kollha tal-eliġibbiltà fis-sejħa pubblika għal SLSE pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern fis-sena 2025 jew kwalunkwe sejħa għall-applikazzjonijiet li toħroġ wara. L-applikazzjonijiet mill-kandidati għall-pożizzjoni ta' SLSE jibdew jintlaqgħu direttament u jiġu proċessati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kwalunkwe sejħiet maħruġa minn skejjel mhux tal-Istat.

1.3. Il-marka massima ta' kull eżami hija ta' 100 marka, b'pass mark minimu ta' 50 marka.

1.4. L-eżamijiet tal-kitba se jsiru:

Il-Malti – Nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2025
Il-Lingwa Ingliża – Nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025
Il-Matematika – Nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2025

Is-Salarju

2.1. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 li fl-2025 huwa ta' €18,188.00 fis-sena.

2.2. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: +356 2276 8200
Email: (equality@gov.mt)
Website: (https://ncpe.gov.mt/)

17th January, 2025

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators (SLSE) Open to Persons Wishing to Apply for State and Non-State Calls for SLSE Who are Not in Possession of A SEC/'O Level' Pass Mark in Maltese, English Language and/or Mathematics

1.1 The Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for qualifying examinations in Maltese, English Language and Mathematics for persons interested in applying for the position of Supply Learning Support Educators (SLSE) who are not in possession of any of the required passes in Maltese, English Language and/or Mathematics at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 and/or Ordinary level 'O' Level (grade A-C or 9-4).

1.2 Eligibility for the position of SLSE is contingent on satisfying all eligibility criteria outlined in the open call for SLSE published on Government Gazette in 2025 or any subsequent calls for applications. Applications from candidates for the position of SLSE will start being received directly and processed by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) and any non-State school/s advertising such calls.

1.3 The maximum mark for each exam is 100, with a minimum pass mark of 50 marks.

1.4 The written examinations shall be held as follows:

Maltese – On Monday, 24th February, 2025
English Language – On Tuesday, 25th February, 2025
Mathematics – On Wednesday, 26th February, 2025

Salary

2.1. The Salary attached to the position of SLSE is equivalent to the minimum of Salary Scale 15 which in the year 2025 is €18,188.00 per annum.

2.2. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as

jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu jkollhom tmintax-il sena (18) jew aktar.

L-eżamijiet tal-kitba għal SLSE fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika:

4.1. L-eżamijiet kollha (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) jikkonsistu f'eżami bil-miktub għal kull suġġett. Kull eżami jkun ta' siegħa u tletin minuta (1½ siegħa) u maħsub biex jevalwa l-ħiliet tal-kandidati fis-suġġett.

4.2. Il-kandidati jridu jiksbu 50 marka biex jgħaddu mill-eżami fis-suġġett/i speċifiku/i li jkunu applikaw għalihom.

4.3. Dawn l-eżamijiet jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Kopja tas-sillabu tista' tiġi aċċessata minn (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Il-kandidati jkunu meħtieġa jħallsu miżata mhux rifondibbli ta' €9.30 għal kull suġġett li għalih saret l-applikazzjoni.

4.5. L-applikanti li diġà għandhom il-passes meħtieġa fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4) fil-Malti, il- Lingwa Ingliża u l-Matematika m'għandhomx għalfejn japplikaw għal dan/dawn l-eżami/jiet ta' kwalifikazzjoni.

4.6. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju kull kandidat li, waqt li jkun għaddej l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa lill-kandidati.

4.7. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jannulla l-eżami jekk tinstab xi irregolarità inkonnessjoni miegħu.

4.8. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub fuq in-noticeboard ta' Edu Servizz.gov (One Stop Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex.

4.9. Kull kandidat jirċievi r-riżultat bil-posta kif ukoll messaġġ ta' kortesija b'SMS lil dawk kollha li jipprovdu numru validu tal-mowbajl.

may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Eligibility Requirements

3.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be eighteen years (18) old or older.

Written examinations for SLSE in Maltese, English Language and Mathematics:

4.1. All examinations (Maltese, English Language and Mathematics) will consist of a written examination for each subject. Each examination will be one hour and thirty minutes (1½ hours) aimed at assessing the candidates' ability in the subject.

4.2. Candidates must obtain 50 marks to pass the qualifying examination in the subject/s applied for.

4.3. These examinations will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. A copy of the syllabus can be accessed from (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Candidates will be required to pay a non-refundable fee of €9.30 for each subject applied for.

4.5. Applicants who are already in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 and/or Ordinary level 'O' Level (grade A-C or 9-4) need not apply for this/these qualifying exam/s.

4.6. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or in any breach of the instructions issued to candidates.

4.7. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith.

4.8. The Registrar of Examinations will publish the result of the written examination on the noticeboard of Edu Servizz.gov (One Stop Shop) at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo.

4.9. Each candidate will receive the individual result by post and a courtesy alert by SMS will be sent to all those who provide a valid mobile phone number.

4.10. Talba għar-reviżjoni tal-karta tal-eżami għandha tiġi sottomessa lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fi żmien ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data tal-avviż bil-posta msemmi f'paragrafu 4.9. Struzzjonijiet ta' kif il-kandidati jistgħu japplikaw għal reviżjoni tal-karta jkunu inklużi mar-riżultat.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

5.1. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' miżata tal-eżami ta' €9.30 mhux rifondibbli għal kull suġġett għandhom jiġu sottomessi online fuq is-sit (https://myexams.gov.mt/applications/) mill-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2025, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 31 ta' Jannar, 2025, f'nofsillejl.

5.2. Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq biss jekk ikollhom din l-irċevuta.

5.3. Applikazzjonijiet li ma jaslux sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Jannar, 2025

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema għal Għotja fuq Akkwist ta' Proprjetà 2023

B'referenza għall-Iskema għal Għotja fuq Akkwist ta' Proprjetà ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-17 ta' Frar, 2023, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi b'seħħ immedjat:

1. Temenda Subklawsola (i) ta' Klawsola 3 biex taqra kif ġej:

3. Kundizzjonijiet tal-iskema

(i) F'każ illi s-self jiġi tterminat għal kwalunkwe raġuni u/jew il-proprjetà soġġetta għas-self tiġi trasferita lil terzi, l-applikanti huma obbligati jinfurmaw lill-Awtorità tad-Djar fi żmien ħmistax minn meta dan is-self jiġi ttermina jew minn meta l-proprjetà soġġetta għas-self tiġi trasferita sabiex il-benefiċjarju jieqaf jibqa' eliġibbli għall-għotja minn sena għall-oħra. Fin-nuqqas, il-benefiċjarju jrid jirrifondi lura l-għotja lill-Awtorità tad-Djar flimkien ma' interessi/penali ta' kull ġurnata.

4.10.Requests for revision of paper are to be submitted to the Department of Examinations within five (5) working days from the date of the notification by post mentioned in paragraph 4.9. above. Instructions on how to apply for a revision of paper will be included with the result.

Submission of Applications

5.1. Applications, together with a non-refundable examination fee of €9.30 per subject are to be submitted online on (https://myexams.gov.mt/applications/) from Friday, 17th January, 2025 till Friday, 31st January, 2025 at midnight.

5.2. Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application a copy of the receipt of payment received through an email is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time only if they are in possession of this receipt.

5.3. Applications received after the closing date of this call for applications will not be considered.

17th January, 2025

HOUSING AUTHORITY

Property Acquisition Grant Scheme 2023

With reference to Scheme Property Acquisition Grant Scheme 2023 published in the Government Gazette of the 17th February, 2023, the Housing Authority wishes to effect the following amendments with immediate effect:

1. Sub-clause (i) of Clause 3 to read as follows:

3. Conditions of the scheme

(i) In the event that the loan is terminated for any reason and/or the property subject to the loan is transferred to third parties, the applicants are obliged to inform the Housing Authority within a fortnight from when this loan is terminated or from when the property subject to the loan is transferred so that the beneficiary ceases to remain eligible for the grant from one year to the next. In the default, the beneficiary must refund the full grant to the Housing Authority together with interest/penalties for each day.

2. Temenda Klawsola 10 biex taqra kif ġej:

10. Informazzjoni

L-Awtorità tista' titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tista' tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-iskema.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tikkuntattja kwalunkwe dipartimenti/entitajiet governattivi għall-ipproċessar/verifikar tal-applikazzjoni u għaldaqstant l-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom għal tali ġbir ta' informazzjoni.

L-Awtorità tista' titlob kwalunkwe informazzjoni dwar is-self mingħand il-Banek rispettivi, in linea mal-liġijiet fis-seħħ, inkluż iżda mhux limitat l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap 261 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-17 ta' Jannar, 2025

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ (M) huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

BORG ANTHONY
BORG NOELLE
SCICLUNA PHILIP

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Godwin Grech għal-Lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ (M), skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Jannar, 2025

2. Clause 10 to read as follows:

10. Information

The Authority may require the applicants to sign and confirm any declaration in any form, even under oath, it may consider necessary for the carrying out of this scheme.

The Housing Authority reserves the right to contact any government department/entities for the processing/verification of the application and therefore the applicants give their consent to such collection of information.

The Authority can request any information about the loan from the respective Banks, in line with the laws in force, including but not limited to the Housing Authority Act, Chapter 261 of the Laws of Malta.

17th January, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Ħaż-Żebbuġ (M) are the following that is:

Nominated Candidates

BORG ANTHONY
BORG NOELLE
SCICLUNA PHILIP

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Godwin Grech for the Locality of Ħaż-Żebbuġ (M), in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Monday, 20th January, 2025 from 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th January, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant sejrin isiru sondaġġi permezz ta' droni f'dawn il-lokalitajiet kif indikat:

Il-Furjana u l-Imqabba – mill-20 ta' Jannar sat-28 ta' Frar, 2025

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Is-17 ta' Jannar, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following localities on the respective dates:

Floriana and Mqabba – 20th January to 28th February, 2025

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

17th January, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jgħarraf li se jsir id-dfin tal-persuna hawn taħt imsemmija minħabba skadenza ta' żmien permess biex jiġi organizzat id-dfin b'mod privat.

Il-persuna hija din imsemmija hawn taħt:

Is-Sinjur Albert Tanti (103148M)

Dan id-dfin b'mod organizzat mid-Dipartiment tas-Saħħa se jsir fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' din in-notifika.

Is-17 ta' Jannar, 2025

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

The Gozo General Hospital notifies the burial of the following deceased person due to an expiry of the permitted time for a claim to organise a private burial.

The person mentioned is listed below:

Mr Albert Tanti (103148M)

The Department of Health will be organising the burial after ten days from the publication of this notice.

17th January, 2025

CIRCULAR ECONOMY MALTA

Lista ta' kuntratti tal-kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija mis-Circluar Economy Malta matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikati skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku L.S. 601.03.

Is-17 ta' Jannar, 2025

CIRCULAR ECONOMY MALTA

List of quotation contracts and direct contracts awarded by Circular Economy Malta during the period between 1st July, 2024, and 31st December, 2024, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

17th January, 2025

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Titlu tal-Kwotazzjoni/Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	CEMalta 03.2024	Provision of Cleaning Services for Circular Economy Malta (CEMalta) Offices using Environmentally Friendly Cleaning Products	06.12.2024	Floorpul Co. Ltd	6,096.48

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Titlu tal-Kwotazzjoni/Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
2	CEMalta 04.2024	Call for Quotations for the Provision of Waste Collection Services in an Environmentally Friendly manner for Circular Economy Malta (CEMalta)	18.12.2024	WeCare Waste Services Ltd	4,990.00

Direct Contracts

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	CEMalta 14.2024	Legal Consultancy Services	10.09.2024	Jaga Suris Advocates	9,999
2	CEMalta 15.2024	Auditing Services	11.09.2024	SWK Consulting Ltd	9,000
3	CEMalta 19.2024	Preperation of a model to determine equitable fees	31.10.2024	SWK Consulting Ltd	7,000

AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA U D-DWANA TA' MALTA

Kuntratti mogħtija mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta matul il perjodu bejn l-1 ta Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikati skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

Is-17 ta' Jannar, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION

Contracts awarded by the Malta Tax and Customs Administration during the period between 1st July, 2024 and 31st December, 2024, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016)

17th January, 2025

Ref. Nru. *Ref. No.*	Suġġett *Subject*	Data tal-għotja *Awarded Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
CUST 1033/2000	Printing of SAD forms	5th October 2024	Galaxy Ltd	€9,360.00

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jagħti lil Makaw Ltd għall-kostruzzjoni ta' scaffolding temporanju u taraġ fil-Customs Newport Bonded

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to award Makaw Ltd for the construction of temporary scaffolding and stairs at Customs'

Stores fuq perjodu ta' 24 xahar għall-prezz ta' €19,580.00 eskluża l-VAT.

Is-17 ta' Jannar, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Lista ta' kuntratti tal-offerti*, u direct orders mogħtija mid-Dipartiment tas-Sajd fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03.

Is-17 ta' Jannar, 2025

Offerti/*Tenders

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Title/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	SPD8/2024/056	Framework Contract for the Provision of Cleaning Services at the Department of fisheries and Aquaculture	26/9/2024	AGV Non Ferrous Malta Ltd.	€75,535.20
2	SPD8/2024/050	Tender for the Delivery, Supply, Installation, Testing and commissioning of Rubber Tyres for Two Hoists at the Hard Standing Facility	12/12/2024	Y&P Marketing (Malta) Ltd	€51,398.00

*Awtoritajiet kuntrattwali għandhom iniżżlu kwalinkwe offerta (inkluż design contests u innovation partnerships) mogħtija minnhom mingħajr l-involviment tas-Sectoral Proccurement Directorate.
**Contracting authorities are to list any tenders (including design contests and innovation partnerships) awarded by them without the involvement of the Sectoral Procurement Directorate.*

Direct Contracts

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	F62/2024	Contract for Service – Services of a Consultancy Firm to undertake the Assessment of Long-term Impacts on the Seabed that can Potentially Occur as a Result of the Proposed Conversion of AJD Tuna Ltd Cages from a Temporrary to a Permanent Installation	19/8/2024	ADI Associates Environmental Consultants Ltd	€9,950.00

Newport Bonded Stores over a period of 24 months for the cost of €19,580.00 excluding VAT.

17th January, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

List of tender contracts* and direct orders awarded by the Department of Fisheries within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights during the period between 1st July, 2024, and 31st December, 2024, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

17th January, 2025

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
2	F35/2024	Direct Order for the Delivery and Supply of Automatic Cash Machines and Spare Parts for Service Pillars for the Department of Fisheries and Aquaculture	4/7/2024	RVC Ltd	€66,017.50
3	F50/2022	Works Contract – Repairs to Civil Works for Service Pillars – Site 2 Triq iż-Żonqor, Marsaskala	12/7/2024	Bava Ltd	€14,657.60
4	F156/2023	Contract for Service – Services of a Consultancy Firm to Provide a Cost-benefit Financial Analysis with respeect to the Aqualture Concession Propsed for Malta's EEZ	29/10/2024	Ecubed Consultants Ltd	€7,450.00
5	F52/2024	Contract for Service – Services of a Consultancy Firm to Provide Consultancy and Analytic Services in Relation to a Buy Back Scheme by t eh Government of the Blue Fin tuna Quota from Fishers	22/7/2024	Ecubed Consultants Ltd	€7,250.00
6	F49/2024	Contract for Service – Services of a Consultancy Firm to Provide Consultancy and Analytic Services in Relation to the Determination of Labour and Material Costs Applicable to the Maintenance of Boats Utilised in the Fishing Industry	5/7/2024	EMCS	€9,936.00
7	F65/2024	Contract for Service – Request ot Engage the Services of a Specialised Firm to Conduct Market Research on Behalf of the Departmnet of fisheries and Aquaclutrue to enquire regarding Insurance Products Available on the Market, covering MFA and MFB Licenced Vessels	20/8/2024	Ernst & Young Ltd	€9,900.00
8	F35/2024	Direct Order for the Upgrading of Software for Service Pillars for the Department of Fisheries and Aquaculture	4/7/2024	RVC Ltd	€70,872.40

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Lista ta' direct orders, offerti u proċeduri negozjati mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016)

Is-17 ta' Jannar, 2025

Direct Orders

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	18552	ITU Membership 2025	25/07/2024	International Telecommunication Union	€83,202.51
2	18577	Recruitment services	09/08/2024	Heroix – Recruitment & HRM	€7,026.69
3	18677	ECO Contribution 2025	23/09/2024	European Communications Office	€7,212.91
4	18692	Sharepoint Maintenance 2025	24/09/2024	Computime Business System Engineering	€5,235.59
5	18821	SLA on server infrastructure	20/11/2024	Innovate International Ltd	€19,980.00
6	18881	SAMS Maintenance 2025	09/12/2024	Computime Business System Engineering	€8,700.00
7	18888	Support services extension	11/12/2024	CRFS Limited	€9,991.00
8	18894	IRG Annual Membership	12/12/2024	Groupe des Regulateurs Independants	€13,000.00
9	18919	BEREC P4 meeting venue 2025	27/12/2024	Hilton Malta	€31,925.39

Offerti/*Tenders*

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Name/Subject of Tender*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	SPD7/2024/003	Market Research Service	24/07/2024	PKF Malta	€43,582.31
2	SPD7/2022/026	MCA website upgrade	21/08/2024	Seasus Limited	€19,450.00
3	SPD7/2024/013	Mobile QoS Benchmarking	18/10/2024	Systemics-PAB Sp z o. o.	€94,234.80

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

List of direct orders, tenders and negotiated procedures awarded by the Malta Communications Authority during the period between 1st July, 2024 and 31st December, 2024, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

17th January, 2025

Proċedura Negozjata/*Negotiated Procedure*

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Name/Subject of Quotation*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	CT5000/2024 MCA/ IMD24-5287	Migration of ERP system	19/08/2024	Philip Toledo Ltd	€232,101.00

Ma kienx hemm varjazzjonijiet bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024.

There were no variations between 1st July, 2024, and 31st December, 2024.

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Lista ta' offerti, kwotazzjonijiet, direct orders u varjazzjonijiet mogħtija mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u t-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi L.N. 352/2016.

Is-17 ta' Jannar, 2025

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

List of tenders, quotations, direct orders and variations awarded by the Foundation for Educational Services during the period between 1st January, 2024 and 30th June, 2024, published in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352/2016.

17th January, 2025

Offerti/*Tenders*

Numru tar-Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Name of Tender/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contactor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
Nil	Nil	Nil	Nil	Nil

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Numru tar-Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference No.*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Name of Quotation/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contactor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
CFQ/FES/020/2024	Provision of a Venue including Catering Services taking into Consideration Seasonality and Minimising Waste Generation For A Seminar for the Foundation For Educational Services on 25th October 2024	17/07/2024	Event Planner Co. Ltd	€5,997.47

Direct Orders

Numru tar-Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.*	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Name of Direct Order/Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
CFQ/FES/019/2024	Provision of Consultancy Services Related to the Creation of a New Online Portal	08/11/2024	Opteia Ltd	€9,500

Numru tar-Referenza tad-Direct Order	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order	Data Approvata	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
Direct Order Reference No.	*Name of Direct Order/Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's name*	*Contract Value excl. VAT*
DO/MF/005/2024	One Year Lease of Warehouse at 26, Triq N. Baldacchino, Ħal Qormi	24/09/2024	Lucienne Ellul	€19,800
PO2916	Nursing during SkolaSajf mainstream service	05/07/2024	Apex Community Care Ltd	€10,929.60
PO3154	Furniture for Gozo Childcare Centre	13/08/2024	Al-Nibras	€6,671.73
PO3172	Plastering and finishing works at Pepprina Childcare Centre in Paola	14/08/2024	Gigi and Friends	€9,865.25

Varjazzjonijiet/*Variations*

Numru tar-Referenza tal-Offerta	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta	Data tal-Għotja	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
Tender Reference No.	*Name of Tender/Subject of Tender*	*Award Date*	*Contactor's Name*	*Contract Value excl. VAT*
CT2223/2021	Provision of Childcare Educators for the Foundation for Educational Services for a Period of 24 Months	30/10/2024	Support Services Ltd	€241,786.66
SPD1/2023/106	Framework Contract for the Provision of The Service of Care Workers for the Foundation for Educational Services	12/12/2024	Support Services Ltd	€6,089.65

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Estimi Finanzjarji 2025

Skont kif jipprovdi l-Artiklu 70 tal-Att Dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali l-Mellieħa javża li se ssir laqgħa għar-residenti kollha tal-lokalità bil-għan li l-Kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2025. Din il-laqgħa se ssir qabel l-approvazzjoni finali tal-istess estimi.

Il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2025, fis-6.00 p.m., fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'Nru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Il-Mellieħa, u dawk preżenti jkunu jistgħu jagħmlu l-interventi tagħhom. Il-laqgħa se tiġi trażmessa diretta permezz tal-internet mis-sit elettroniku (https://corterm.com/vod/members/mellieha/).

Is-17 ta' Jannar, 2025

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

Financial Estimates 2025

In accordance with Article 70 of the Local Government Act, the Mellieħa Local Council notifies that a meeting will be held for all the residents of the locality, in order that the Council will present the financial estimates for the year 2025. Such meeting will be held in advance of the Council final approval of the said estimates.

The meeting will be held on Wednesday, 22nd January, 2025, at 6.00 p.m., at the Council Administrative Office at No. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, and those present will be able to make their interventions. The meeting will be transmitted live via the internet from the website (https://corterm.com/vod/members/mellieha/).

17th January, 2025

AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ
FL-ISPORT MALTI

Espressjoni ta' Interess – Kiri ta' Vettura

L-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) tgħarraf li qed jiġu aċċettati applikazzjonijiet minn persuni interessati għall-Kiri ta' Vettura.

Tul tal-Kiri

Massimu ta' sena waħda (bil-possibbiltà li jiġġedded kull sena).

Terminazzjoni tal-Perjodu tal-Kiri

L-AIMS tista' ttemm il-kiri fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu tal-kuntratt b'avviż ta' xahar minn qabel.

Rekwiżiti

Il-vettura għandha taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: Il-vettura mikrija għandha tkun:

1. B'gearbox manwali (sewqan manwali);

2. Ħames (5) Bibien;

3. Petrol 1200cc mhux eqdem mill-2021;

4. Tip: karozza żgħira;

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Settembru, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Frar, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse flimkien mal-arja tagħha, bin-numru sebgħa (7) sitwat fit-third floor level ta' blokka mingħajr isem imma bin-numru erbgħa (4) li jifforma parti minn kumpless akbar, bla numru, bl-isem Fontanella Gardens, fi Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex, li huwa aċċessibbli minn parti komuni ta' taraġ u lift li jagħti għal fuq it-terrazzin ta' quddiem il-penthouse, inkluż is-sehem relattiv għal partijiet komuni tal-blokka li jinkludi l-entrata, taraġ, turġien, axxensur u x-xaft tiegħu u s-sistema tad-drenaġġ u jgawdi minn dritt ta' użu perpetwu bir-riġel minn dawk l-entrati, walkways u passageways li mit-triq pubblika jwasslu għall-penthouse. Il-penthouse hija konfinanti mit-Tramuntana minn proprjetà ta' Simon Grech u Island Developments Limited, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Zammit Brothers u mal-Punent ma' triq interna privata.

Il-garaxx internament numerat għaxra (10) ta' karozza waħda, sitwat fil-livell ta' basement, fl-istess kumpless Fontanella Gardens u aċċessibbli minn driveway komuni u rampa komuni li tiżbokka fuq Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex, u jgawdi flimkien mal-garaxxijiet l-oħra li għandhom l-istess aċċess, dritt ta' użu perpetwu, kemm bil-vettura kif ukoll bir-riġel, inkwantu d-driveway interna u rampa li tiżbokka fi Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th September, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 20th February, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The penthouse with its airspace, numbered seven (7) situated on the third floor level of a block unname but numbered four (4) which forms part of a larger unnumbered complex, named Fontanella Gardens, in Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, that is accessible from a common area of stairs and lift overlooking the front terrace of the penthouse, including the relative share from the block's common areas which consist of the entrance, the stairs and stairwell, the lift and the lift shaft and the drainage system and enjoys the right of perpetual use by foot from the entrances, walkways and passageways that lead from the public street to the penthouse. The penthouse is bounded on the north by property of Simon Grech and Island Developments Limited, on the south by property of Zammit Brothers and on the west by the internal private road.

The one car garage internally numbered ten (10), situated on the basement level of the same complex Fontanella Gardens and accessible through a common driveway and common ramp which abuts unto Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, and enjoys with the other garages that have the same access, the right of perpetual use, both by vehicle and also by foot, of the internal driveway and the ramp that abuts onto Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

Il-kumpless Fontanella Gardens huwa bla numru u huwa konfinanti mit-Tramuntana bl-imsemmija triq pubblika, inparti ma' proprjetà ta' Joseph Debono, inparti ma' proprjetà ta' Mario Cassar, inparti ma' proprjetà ta' George Camilleri, inparti ma' proprjetà ma' Euchar Bezzina u inparti ma' proprjetà ta' terzi u man-Nofsinhar ma' proprjetà tal-familja Zammit u inparti ma' proprjetà ta' Louis Farrugia u mal-Punent ma' sqaq li jiżbokka fi Triq il-Għajn u inparti ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u mal-Lvant inparti ma' proprjetà ta' Felic Micallef u inparti ma' proprjetà tal-aħwa Portelli. Iż-żewġ proprjetajiet huma liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom, b'dan illi l-arja tal-penthouse fuq imsemmi hija suġġettta għas-servitù favur it-tliet appartamenti sottostanti għal finijiet ta' installazzjoni ta' aċċessorji u dan kif deskritt fl-att tan-Nutar Anthony Hili tad-disgħa ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (9.7.2007) u stmati li jiswew mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

L-imsemmija penthouse u garaxx huma proprjetà ta' Hynes David Owen (passaport numru PA 4359237) u Mandy Connaughton Hynes (passaport numru R798992).

N.B. L-imsemmija penthouse u garaxx jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 60/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The complex Fontanella Gardens is unnumbered and is bounded on the north by the said public street, in part by property of Joseph Debono, in part by property of Mario Cassar, in part by property of George Camilleri, in part by property of Euchar Bezzina, and in part by property belonging to third parties, on the south in part by property of the Zammit family and in part by property of Louis Farrugia and on the west in part by an alley which abuts unto Triq il-Għajn and in part by property of Joseph Spiteri and on the east in part by property of Felic Micallef and in part by property of the siblings Portelli. Both properties are free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, this however that the penthouse airspace is subject to the servitude in favour of the three underlying apartments for installation of accessories purposes and this as described in the acts of Notary Anthony Hili dated ninth of July of the year two thousand and seven (9.7.2007) and are valued at two hundred and eighty eight thousand euro (€288,000).

The said penthouse and garage are the property of Hynes David Owen (passport number PA 4359237) and Mandy Connaughton Hynes (passport number R798992).

N.B. The said penthouse and garage will be sold as described in the acts of judicial sales number 60/2022.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 14th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

119

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-26 ta' Diċembru, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-assenti eredi ta' Salvatore Borg, fl-atti tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili, li jġib in-numru 108/2024 SG fl-ismijiet 'Maria Borg et versus Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti eredi ta' Salvatore Borg,' ippreżentat fl-4 ta' Diċembru, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u

Banns for curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 26th December, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 26th December, 2024, it was ordered that a deputy curator be appointed in accordance with the law to represent the absent heirs of Salvatore Borg, in the acts of the sworn application in terms of article 495A of the Civil Code, bearing number 108/2024 SG in names 'Maria Borg et versus deputy curators to represent the absent heirs of Salvatore Borg,' filed on the 4th of December, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts, which

sussegwenti, liema rikors jirrigwarda l-bejgħ tal-fond numru tnejn u sebgħin (72) fi Triq Ħamri, Għajnsielem, Għawdex.

Inti għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 26 ta' Diċembru, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

application relates to the sale of premises number seventy-two (72) in Triq Ħamri, Għajnsielem, Gozo.

You are hereby ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and thereby summon all persons who wish to be appointed as curators to appear within six (6) days in this Registry and to file a declaration by means of a note that they do so wish.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time above given, this Court will proceed to appoint a curator of the office. And after you have done so, or if you encounter any obstacle in the execution of these banns, you are to inform this Court.

Given by the aforesaid Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the aforesaid Court.

Today 26th December, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

120

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Novembru, 2024, fuq rikors ta' Bonello Edwina (KI 522953M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Frar, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Is-subutile dominium tal-appartament li jinsab fit-tieni pjan, internament immarkat bin-numru ħamsa (5), formanti parti minn binja akbar magħrufa bħala 'Block C' li tifforma parti minn żvilupp akbar magħruf bl-isem 'Vela Vista' fi Triq il-Baħħara, kantuniera ma' Triq il-Klamari, u tal-aħħar kantuniera ma' Triq it-Turisti, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar, suġġett għaċ-ċens annwu ta' żewġ ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2.98ċ), bil-konċessjoni enfitewtika relattiva konċessa fuq l-art li fuqha l-imsemmi żvilupp inbena għaż-żmien ta' mija u ħamsin (150) sena li bdew jgħoddu minn nhar l-erbgħa u għoxrin ta' Mejju, tas-sena elf, disa' mija u ħamsa u sittin (24.5.1965), iżda li mal-iskadenza ta' dan l-imsemmi perjodu enfitektiku temporanju oriġinali, jerġa' awtomatikament jiġġedded għal perjodi kull wieħed ta' mitt (100) sena ad infinitum, biċ-ċens rivedibbli skont kif stipulat fl-att ippubblikat in atti tan-Nutar Joseph Sciberras,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th November, 2024, on the application of Bonello Edwina (ID 522953M), Thursday, 20th February 2025 at half past ten in the morning (10:30 am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The Subutile dominium of the apartment situated on the second level, internally marked number five (5), forming part of a larger building known as 'Block C' forming part of a larger complex known as 'Vela Vista' in Triq il-Bahhara, corner with Triq il-Klamari, and the latter corner with Triq it-Turisti, Qawra, Saint Paul's Bay, subject to the annual groundrent of two euro and ninety eight cent (€2.98c), with the emphyteutical concession in relation to the land on which the said development was built for the period of one hundred and fifty (150) years which commenced on the twenty-fourth May, of the year one thousand and nine hundred and sixty five (24.5.1965) upon expiry of the said original temporary emphyteusis period shall be automatically extended from time to time for periods of one hundred (100) years each period and this ad infinitum. Which groundrent is revisable as indicated in the deed in the records of Notary Joseph

nhar l-erbgħa u għoxrin ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (24.5.1965) u suġġett ukoll għas-subċens annwu u perpetwu ta' disgħa u sittin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) bil-kundizzjonijiet relattivi għall-konċessjoni subenfitewtika skont kif stipulat fl-att ta' bejgħ u xiri li bis-saħħa tiegħu d-debituri akkwistawh b'titolu ta' bejgħ u xiri, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, u bi dritt perpetwu u trasferibbli flimkien mal-imsemmi appartament tal-użu tal-partijiet komuni, ippubblikat in atti tan-Nutar Jean Paul Farrugia nhar id-dsatax ta' Ottubru, tas-sena elfejn u sebgħa (19.10.2007). L-imsemmi iżvilupp magħruf bl-isem 'Vela Vista' jikkonfina mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' Triq il-Baħħara, mil-Lvant ma' ġid is-soċjetà PAM Limited, min-Nofsinhar ma' Triq it-Turisti u mill-Punent ma' Triq il-Klamari, filwaqt li l-imsemmi Block C formanti parti mill-imsemmi żvilupp magħruf bl-isem 'Vela Vista' li l-imsemmi appartament jifforma parti minnu, jikkonfina mill-Grigal ma' Triq il-Baħħara, mil-Lbiċ ma' Triq il-Klamari, u mill-bqija tal-irjieħ ma' ġid tas-soċjetà Prestige Apartment Limited jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom jew irjieħ iżjed verjuri u stmat li jiswa mitejn u disgħin elf ewro (€290,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Spiteri Norman (KI 41461M) u Spiteri Alexandra sive Sandra (KI 214665M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 5/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Sciberras of the twenty fourth of May of the year one thousand nine hundred and sixty five (24.5.1965) and also subject to the annual subgroundrent and perpetual of sixty nine euro and eigthy eight cents (€69.88) with the relative conditions to the subemphyteusis concession as stipulated in the deed of sale and purchase which by virtue of which the debtors acquired by title of sale and purchase, with all its rights and appurtenances, and with perpetual and transferible right together with the said apartment the use of common parts, published in the acts of Notary Jean Paul Farrugia, dated nineteenth October, of the year two thousand and seven (19.10.2007). The said development known as 'Vela Vista' is bounded north and northwest by Triq il-Baħħara, East by property of the company PAM Limited, and south by Triq it-Turisti and west by Triq il-Klamari, while the said Block C forming part of the said development known as 'Vela Vista' which the apartment forms part of is bounded on the northeast by Triq il-Baħħara, on the southwest by Triq il-Klamari and on all other compass point by property of Prestige Apartment Limited society or its successors in title or more accurate boundaries and is valued at two hundred and ninety thousand euro (€290,000).

The said tenement is the property of Spiteri Norman (ID 41461M) and Spiteri Alexandra sive Sandra (ID 214665M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 5/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 14th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

121

B'digriet mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-8 ta' Jannar, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Adriana Milic.

Permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-11 ta' Diċembru, 2024, fl-ismijiet Gregory Gatt, iben Robert Gatt u Maria Victoria née Dalli, imwieled Tal-Pietà nhar l-10 ta' Jannar, 1988, u residenti San Ġwann (KI 46888M) vs Adriana Milic née Camilleri, mart Vladimir Milic, bint Michele Camilleri u Rose née Zarb, imwielda Tas-Sliema fis-16 ta' Lulju, 1970, u residenti San Pawl il-Baħar (KI 344270M), ir-rikorrenti Gregory Gatt (KI 46888M) talab illi l-Onorabbli Bord jogħġobha tilqa' l-mandat immedjatament, fuq bażi proviżorja ħalli jiġu notifikati l-awtoritajiet relattivi u l-intimata tinżamm milli tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi, tassenja jew b'xi mod ieħor tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratwitu

By a decree of the Rent Regulation Board of the 8th January, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Adriana Milic in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a request for the issuance of a Prohibitory Injunction filed in the Rent Regulation Board on the 11th December, 2024, in the names Gregory Gatt, son of Robert Gatt and Maria Victoria née Dalli, born in Tal-Pietà on the 10th January, 1988, and residing in San Gwann (ID 46888M) vs Adriana Milic née Camilleri, wife of Vladimir Milic, daughter of Michele Camilleri and Rose née Zsaqrba, born in Tas-Sliema on the 16th July, 1970, and residing in St Paul's Bay (ID 344270M), the applicant Gregory Gatt (ID 46888M) asked that the Honourable Board upholds the warrant immediately, on a provisional basis so that the relative authorities be notified and the respondent is withheld from selling, removing, transferring, assigning or

s-sehem indiviż ta' kwart (1/)] mill-proprjetà deskritta hawn isfel:

a) one-car garage internment u mhux uffiċjalment bin-numru sitta (6) (drabi oħra magħruf bin-numru disgħa (9)), formanti parti minn kumpless ta' disa' (9) garaxxijiet, aċċessibbli minn entrata u bitħa komuni, li ġġib in-numru wieħed u sittin (61), Triq Danny Cremona, (ġja New Street f'Saint Luke's Road), Tal-Pietà (drabi oħra magħrufa bħala Guardamangia), inkluż mal-garage hemm is-sehem indiviż ta' wieħed minn disgħa (1/9) tal-entrata u bitħa, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu kif indikat fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (1981), mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu.

Krettu: €24,324.98 ikkalkolati biss ai fini ta' dan il-mandat oltre mgħaxijiet u spejjeż

Titolu: Krettu dovut lir-rikorrent rappreżentanti arretrati ta' kera u kont għas-servizz ta' dawl u ilma, b'riżerva għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż u l-ħlas ta' kwalunkwe ammonti ulterjuri oħra li se jirriżultaw li huma dovuti lir-rikorrenti mill-intimata.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra l-intimata.

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 2063/2024JG jinsab differit għall-21 ta' Jannar, 2025, fis-2.30 p.m.

Rikorrent: Gregory Gatt, 88, Ephpheta, Triq il-Gallina, San Ġwann, Il-Kappara

Notifika intimata: Adriana Milic, 15, Triq Isourad, San Pawl il-Baħar

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Maġistrat: Dott. Joseph Gatt, LLD

Il-Bord,

Ra ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni magħmul ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Jilqa' t-talba proviżorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bi tħaris tal-Artikolu 875(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jordna n-notifika tar-rikors lill-parti opposta li qed tingħata għaxart (10) ijiem żmien sabiex tressaq risposta.

in any other manner disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title the undivided share of one fourth (1/4) of the property described hereunder:

a) one-car garage internally and not officially numbered six (6) (other times known as number nine (9)), forming part of a complex of nine (9) garages, accessible from a common entrance and property, bearing number sixty one (61), Triq Danny Cremona, (new Street in Saint Luke's Road), Pieta (other times known as Guardamangia), including with the garage there is the undivided share of one ninth (1/9) of the entrance and with it, as subject to the annual and perpetual groundrent as indicated in the records of Notary Francis Micallef of the thirteenth (30) October of the year one thousand nine hundred eighty one (1981), otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

Credit: €24,324.98 calculated solely for the purpose of this warrant besides interest and costs

Title: Credit due to the applicant representing arrears of rent and electricity and water service bill, saving interest and costs and the payment of any further amounts which shall result due to the applicant by the respondent.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction in question against the respondent.

The Prohibitory Injunction number 2063/2024JG is postponed for the 21st January, 2025, at 2.30 p.m.

Applicant: Gregory Gatt, 88, Ephpheta, Triq il-Gallina, San Gwann, Kappara

Notification respondent: Adriana Milic, 15, Triq Isourad, St Paul's Bay

In the Courts of Magistrates (Malta)

Magistrate: Dr Joseph Gatt

The Board,

Saw the application for the issuing of the warrant of prohibitory injunction made in terms of Article 874 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

Provisionally upholds the demand in terms of Article 875 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta;

In accordance with Article 875 (1) of Cap. 12 of the Laws of Malta orders the notification of the application to the opposing party who is being given ten (10) days to file a reply.

Jordna n-notifika tar-rikors u ta' dan id-digriet ukoll lir-Reġistratur tal-Artijiet u Direttur Reġistru Pubbliku sabiex dawk jkunu mgħarrfa li r-rikors ġie milqugħ proviżorjament.

Illum 11 ta' Diċembru, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Jannar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Orders the notification of the application and of this decree also to the Land Registrar and Director Public Registry so that those who are informed that the application has been provisionally upheld.

Today 11th December 2024.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th January, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

122

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Diċembru, 2024, fuq rikors ta' Sciberras Kim (KI 128786M), ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru sbatax (17), Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Saliba Dylan (KI 252693M).

Sufan three-seater u żewġ pultruni ta' kulur iswed, sett tat-televixin tat-tip LCD tal-marka Panasonic, surround sound system tal-marka Thompson, riċevitur tas-satellita tal-marka Hummax, mejda żgħira tal-ħadid bil-wiċċ tal-ħġieġ, u oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 10/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd December, 2024, on the application of Sciberras Kim (ID 128786M), Wednesday, 26th February, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in number seventeen (17), Triq id-Dejqa, Valletta, of the following items seized from the property of Saliba Dylan (ID 252693M).

A three-seater sofa and two armchairs black in colour, an LCD-type television set of the make Panasonic, a surround sound system of the make Thompson, a satellite receiver of the make Hummax, a small metal table with a glass top, and other objects.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of Judicial Sale number 10/2024.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

123

ARB/C0007/2025 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 835/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SAIKOU MINTEH, ta' 44 sena, iben Kebba Touray u Jankey Jawla, imwieled il-Gambja fil-15 ta'Awwissu, 1980, u residenti f'36, 'Ta' Pinu Court', Triq Dun Frans Camilleri, Il-Ħamrun, u detentur ta' passaport Gambjan bin-numru PC798216.

ARB/C007/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 11th January, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 835/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SAIKOU MINTEH, 44 years, son of Kebba Touray and Jankey Jawla, born in Gambia on the 15th August, 1980, and residing at 36, 'Ta' Pinu Court', Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun, and holder of Gambian passport bearing number PC798216.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SAIKOU MINTEH u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 15 ta' Jannar, 2025

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SAIKOU MINTEH and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 15th January, 2025

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

124

ARB/C025/2020 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni numru 394/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

ALDO CUTAJAR, uffiċjal pubbliku, ta' 60 sena, iben il-mejjet John u Maria Carmela xebba Cremona, imwieled

ARB/C025/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th January, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 394/2020 in the case:

The Police
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

ALDO CUTAJAR, public officer, 60 years, son of the late John and Maria Carmela née Cremona, born in Ħ'Attard,

Ħ'Attard, Malta, fit-28 ta' Mejju, 1964, residenti fi 345, 'Yintai', Triq San Pawl, In-Naxxar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 297364M.

ISABEL CUTAJAR, diżokkupata, ta' 56 sena, bint Anthony Schembri u Pauline Schembri xebba Pisani, imwielda Ħ'Attard, Malta, fid-9 ta' Lulju, 1968, u residenti fi 345, Yintai, Triq San Pawl, In-Naxxar, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 287068M.

U

GEMINI DESIGNS STUDIOS LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata ISABEL CUTAJAR sabiex tħallas it-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 44050 0483401 miżmuma minn GasanMamo Insurance Limited, u għat-tiġdid tal-liċenzja tat-triq tal-istess vettura msemmija fid-digriet datat 10 ta' Jannar, 2025, fl-ammont totali ta' €510.55. Illi dawn il-pagamenti għandhom jiġu esegwiti mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat ALDO CUTAJAR li jispiċċa -4322 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Illi din l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż jibqa' jgħodd u jiswa għal kull meta jinqalgħu, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat rikors kull darba li jkun hemm dawn l-imsemmija spejjeż.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Josette Demicoli, LLD), fis-16 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Awwissu, 2020, u wara digriet bl-estenzjoni tal-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD), fl-24 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ALDO CUTAJAR, ISABEL CUTAJAR u Gemini Designs Studios Limited.

Illum 16 ta' Jannar, 2025

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Malta, on the 28th May, 1964, residing at 345, 'Yintai', Triq San Pawl, Naxxar, and holder of Maltese identity card bearing number 297364M.

ISABEL CUTAJAR, unemployed, 56 years, daughter of Anthony Schembri and Pauline Schembri née Pisani, born in Attard, Malta on the 9th July, 1968, and residing at 345, Yintai, Triq San Pawl, Naxxar, and holder of Maltese identity card bearing number 287068M.

AND

GEMINI DESIGNS STUDIOS LIMITED;

The Court AUTHORIZED the accused ISABEL CUTAJAR to pay for the renewal of the insurance policy with reference number 44050 0483401 held by GasanMamo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle mentioned in the decree dated 10th January, 2025, in the total amount of €510.55. That these payments are to be carried out from the bank account listed in the name of the accused ALDO CUTAJAR ending in -4322 and which is held at the Bank of Valletta plc.

That this Court authorisation for the execution of these expenses shall remain valid and applicable each time these payments are due, without the néed to submit an application every time these expenses are encountered.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Josette Demicoli LLD), on the 16th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 21st August, 2020, and following the extension of the freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LLD), on the 24th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 27th August, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ALDO CUTAJAR, ISABEL CUTAJAR and Gemini Designs Studios Limited.

Today 16th January, 2025

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

125

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fit-3 ta' Diċembru, 2024, fuq rikors ta' Paolo Colombani, passaport numru YA9796818 u fuq talba ta' APS Bank plc (C2192),

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd December, 2024, on the application of Paolo Colombani passport number YA9796818 and following a request of

ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tnax (12) ġja magħrufa bin-numru (5) bl-isem 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa tmien mija u erbgħin elf ewro (€840,000);

Il-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema penthouse tinsab fir-raba' sular (il-ħames (5) livell mit-triq) fuq nett u hi aċċessibbli permezz ta' taraġ u lift komuni fil-parti ta' quddiem tal-binja u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa tliet mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€355,000);

L-arja tal-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema arja tinsab fi sitt (6) livell tat-triq imsemmija b'kejl superfiċjali ta' 70 mk² u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000);

Car space internament immarkat bin-numru erbgħa (4) formanti parti minn garaxx bla numru u bla isem u sottopost għal blokk ta' flats bl-isem 'Seabreeze', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liberu u frank bid-drittijiet kollha tiegħu u jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent mas-suċċessuri tas-soċjetà S.J.J.C Limited u mil-Lvant ma' gid ma' Etoile Limited mentri l-car space jikkonfina min-Nofsinhar ma' partijiet komuni u mill-irjieħ l-oħra ma' ġid il-venditriċi tal-'car space' jew suċċessuri tagħha stmat ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Jane Chircop (KI 466464M) eżerċenti l-kummerċ bħala Sapphire Real Estate Services.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

APS Bank Malta plc (C2192), Thursday, 22nd May, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house officially marked with the number twelve (12) previously known as the number five (5) named 'Madonna ta' Pinu', in Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Rabat, Malta, valued at eight hundred and forty thousand euro (€840,000);

The penthouse internally marked with the number five (5) forming part of a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which penthouse is situated in forth floor (the fifth (5) level from the street) on top and is accessible from stairs and a common lift at the front of the block and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued at three hundred and fifty five thousand euro (€355,000);

The airspace of the penthouse internally marked with the number five (5) forming part from a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay which airspace is situated in six (6) level of the said street superfically measured of 70 m² and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued sixty five thousand euro (€65,000);

Car space internally marked with the number four (4) forming part from an unnumbered and unnamed garage and underlying block of flats named 'Seabreeze', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, free and unencumbered with all its rights and bounded on the south by the said street, west by the successor of the company S.J.J.C Limited and east by property of Etoile Limited whilst the car space bounded on the south by common parts and on the other compass points by property of carspace vender or her successors valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The said tenement is the property of Jane Chircop (ID 466464M) carrying on trade as Sapphire Real Estate Services.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

126

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Jannar, 2025, fuq rikors ta' John Borg (KI 598257M) et ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 12 ta' Frar, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'garaxx li jinsab taħt 'Xedha Apartments' fi Triq il-Għasel, Il-Mellieħa, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Welcome Auto Dealer bin-numru tar-reġistrazzjoni C64346 u Clint La Rosa (KI 538587M):

Il-vettura tal-marka Mustang, ta' lewn aħmar, bil-warranty numru 5RO7T208875.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 18/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 16th January, 2025, on the application of John Borg (ID 598257M) et, Wednesday, 12th February, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in garage underlying 'Xedha Apartments' in Triq il-Għasel, Mellieħa, of the following vehicle seized from the property of Welcome Auto Dealer with the registration number C6436 and Clint La Rosa (ID 538587M):

Vehicle of the make Mustang, red in colour, with the warranty number 5RO7T208875.

N.B. The said vehicle will be sold as descibed in the acts of Judicial Sale number 18/2024.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

127

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Ottubru, 2024, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Porzjon ta' art skavata b'kejl superfiċjali totali ta' ċirka mitejn u sebgħa u disgħin metru kwadru (297mk) li fuqha kien hemm il-fond bin-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44) u bl-isem 'Santa Maria', fi Triq Indrì Borg, Ħaż-Żebbuġ. Din l-art għandha permess ta' żvilupp maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar PA/1416/20 datat is-sebgħa ta' April, tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (7.4.2021) biex jinbnew garaxx u parking spaces fil-livell tal-kantina, u tliet appartamenti fil-pjan terran u fl-ewwel sular. Il-fond jinsab 'il barra miż-żona tal-iżvilupp, in-naħa tal-Lbiċ ta' Ħaż-Żebbug, b'aċċess minn triq iffurmata, ta' wisa' ta' ċirka 6.75m quddiem il-fond. Il-faċċata tal-fond fuq in-naħa l-oħra tat-triq hija area barra miż-żona tal-iżvilupp, iżda fuq in-naħa ta' wara tal-fond hemm bini li kien jew għadu jintuża bħala razzett tal-annimali. Il-fond kien ġie akkwistat oriġinarjament permezz ta' att ta' tpartit datat is-sebgħa ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, disgħa u tmenin (7.3.1989) fl-atti tan-Nutar Antoine Agius, liberu u frank u stmat li jiswa ħames mija, u sittin elf ewro (€560,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Pauline Bugeja (KI 371461M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 72/2016.

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 10th October, 2024, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 18th March, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

A portion of excavated land with a total superficial measurement of circa two hundred and ninety-seven square metres (297sqm) which previously was built tenement officially numbered as number forty-four (44) and named 'Santa Maria', in Triq Indrì Borg, Ħaż-Żebbuġ. This land has a development permit issued by the Planning Authority PA/1416/20 dated seventh April of the year two thousand and twenty one (7.4.2021) to build a garage and parking spaces at basement level, and three apartments at basement level and at first floor. The tenement is situated outside the development zone at southwest of Ħaż-Żebbuġ, with access from a formed road, of width of circa 6.75m in front of the property. The façade of the tenement on the other side of the road is an area outside the development zone, however, on the back side of the tenement there is a building that used or is still used as an animal farm. The tenement was originally acquired by means of an exchange act dated seventh of March, of the year nineteen hundred and eighty nine (7.3.1989) in the acts of Notary Antoine Agius, free and unencumbered and valued at five hundred and sixty thousand euro (€560,000).

The said tenement is the property of Bugeja Pauline (ID 371461M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 72/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th January, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

128

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-ħmistax (15) ta' Jannar, 2025 (Digriet numru 9/2025BS, wara rikors numru 5/2025BS) ġie kkonfermat interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Jesmond Spiteri, legalment separat minn Sharon Mercieca, bin il-mejjet Anthony Spiteri u Margaret née Cini, imwielda ir-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 21377G).

Kurt Spiteri, ġuvni, bin Jesmond Spiteri u Sharon Mercieca, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 26902H, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tiegħu.

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the fifteenth (15th) of January of the year 2025 (Decree number 9/2025BS following application number 5/2025(BS) Jesmond Spiteri, legally separated from Sharon Mercieca, son of the late Anthony Spiteri and Margaret née Cini, born in Victoria, Gozo, and residing in Victoria, Gozo (identity card number 21377 G) has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Kurt Spiteri, bachelor, son of Jesmond Spiteri and Sharon Mercieca, born in Victoria, Gozo, and residing in Victoria Gozo, holder of identity card number 26902H, has been nominated as his curator by virtue of the said decree.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 16 ta' Jannar, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 16th of January, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

129

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 766/2024MS, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Fenech Etienne et vs Spiteri Maria Dolores, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Frar, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimata: Spiteri Maria Dolores, 5, Johan, Triq Ta' Ġokondu, Tal-Ibraġ, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Jannar, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th October, 2024, in the records of Sworn Application number 766/2024MS, which was filed on the 8th July, 2024, in the names: Fenech Etienne et vs Spiteri Maria Dolores, the following publication was ordered, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the applicants that sum which shall be so liquidated. With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 21st February, 2025, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Spiteri Maria Dolores, 5, Johan, Triq Ta' Ġokondu, Tal-Ibraġ, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 15th January, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*